GOUDER, A., & SCHEMBRI, K. (eds.). Annetto Depasquale. Wirt għażiż tal-Knisja f'Malta (Malta: Klabb Kotba Maltin, 2021).

# ANNETTO DEPASQUALE U L-KUMMISSJONI LEĠIŻLAZZJONI PARTIKOLARI

Kevin Schembri

Monsinjur Annetto Depasquale ta sehem kbir f'ħafna ħidmiet importanti li eventwalment ma ġabux il-firma tiegħu. Diversi kienu l-proġetti ta' konsultazzjoni u ta' tfassil ta' skemi u proċeduri li fihom kien involut minn wara l-kwinti, f'servizz leali lejn il-Knisja f'pajjiżna.

Bħala għalliem tad-Dritt Kanoniku, u bħala Kanċillier, Vigarju Ġenerali u Isqof Awżiljarju fl-Arċidjoċesi ta' Malta, Mons. Depasquale kien imfittex għal pariri u għajnuna minn firxa wiesgħa ta' lajċi, saċerdoti u reliġjużi. In-nunzji kienu jikkonsultawh b'mod regolari u pparteċipa fid-diskussjonijiet kollha li wasslu għall-iffirmar tal-ħames ftehim bejn is-Santa Sede u r-Repubblika ta' Malta.[1] Kien jipprepara ħafna materjal għall-istudju u l-konsiderazzjoni tal-Isqfijiet u kien involut fit-tħejjija ta' diversi statuti ta' għaqdiet, kunsilli u segretarjati fi ħdan id-djoċesi. Baqa' jagħti dan is-servizz anke wara l-2003, meta ntlaqat minn marda kerha li kkondizzjonatlu saħħtu sal-aħħar ta' ħajtu.[2]

Dan l-artiklu se jagħti ħarsa lejn ħidma partikolari li Mons. Depasquale kellu sehem ewlieni fiha bejn l-1983 u l-1988: il-preparazzjoni ta' Liġi (jew Dritt) Partikolari għall-Knisja f'Malta u Għawdex. Għalkemm din il-ħidma kienet uffiċjali, nistgħu ngħidu li saret ukoll "minn wara l-kwinti" għax meta tlestiet il-Liġi Partikolari ġabet il-firma tal-Konferenza Episkopali Maltija (KEM).

## Il-Liġi Partikolari

Hawn tajjeb nifthu parentesi dwar il-Liġi Partikolari. Fil-Knisja Kattolika, il-liġijiet jistgħu jinqasmu f'żewġ kategoriji: universali u partikolari. Il-liġijiet 'universali', imsejħa wkoll 'ġenerali' jew 'komuni', normalment jinħarġu mill-Papa nnifsu bħala kap tal-Knisja kollha jew minn xi uffiċċju li joħroġhom f'isem il-Papa jew mill-isqfijiet tad-dinja miġbura f'konċilju ekumeniku. Dawn il-liġijiet ikunu japplikaw għall-Kattoliċi kollha jew almenu għal grupp wiesa' ta' Kattoliċi kull fejn jinsabu fid-dinja.

Min-naħa l-oħra, il-liġijiet 'partikolari', li f'ċerti każi huma msejħa 'proprji' jew 'speċjali', ġeneralment japplikaw għal territorju limitat jew għal grupp speċifiku ta' Kattoliċi jew xi tip ta' proċedura partikolari. Eżempji ta' dawn huma l-liġijiet maħruġa minn isqfijiet ta' xi reġjun, pajjiż jew djoċesi partikolari, ir-regola ta' istitut ta' ħajja kkonsagrata u n-normi li jiggwidaw proċessi jew proċeduri partikolari bħal, ngħidu aħna, elezzjoni ta' Papa ġdid jew kawża ta' kanonizzazzjoni. F'dan kollu jibqa' importanti l-prinċipju li liġi maħruġa minn leġiżlatur partikolari ma tistax ikollha preċedenza jew tmur kontra liġi mogħtija minn awtorità superjuri.[3]

## Chair tal-Kummissjoni Leġiżlazzjoni Partikolari

Immorru lura għal Mons. Depasquale u l-Liġi Partikolari għal Malta u Għawdex. Il-bżonn ta' din il-Liġi Partikolari qam mill-fatt li l-Kodiċi tad-Dritt Kanoniku ġdid – li ġie ppromulgat mill-Papa Ġwanni Pawlu II fil-25 ta' Jannar 1983 – f'diversi partijiet ħalla f'idejn il-konferenzi episkopali jew l-isqfijiet djoċesani biex joħorġu normi għall-pajjiż jew djoċesi tagħhom skont l-esiġenzi tal-post.

Għalhekk, wara l-promulgazzjoni tal-Kodiċi, u qabel dan daħal fis-seħħ fis-27 ta' Novembru 1983, il-KEM innominat lil Mons. Depasquale biex ikun membru tal-Kummissjoni Leġiżlazzjoni Partikolari (Kummissjoni). Din il-Kummissjoni kellha żewġ għanijiet: li tħejji abbozz ta' liġijiet partikolari għad-djoċesijiet ta' Malta u Għawdex, u li tagħti l-pariri meħtieġa lill-Isqfijiet f'dan ir-rigward. Dak iż-żmien, Mons. Depasquale kien Kanċillier tal-Arċidjoċesi ta' Malta, Lettur tad-Dritt Kanoniku fil-Fakultà tat-Teoloġija u Promotur tal-Ġustizzja fit-Tribunal Ekkleżjastiku tal-Appell.

Ma' Mons. Depasquale ġew innominati wkoll Mons. Arthur Said Pullicino, dak iż-żmien Vigarju Ġudizzjali fit-Tribunal Metropolitan, u tliet patrijiet li kienu mħallfin fit-Tribunal Reġjonali tal-Appell: l-Agostinjan Ġużepp Borg, il-Karmelitan Dijonisju Attard u d-Dumnikan Ġorġ Frendo. Fit-tielet laqgħa tal-Kummissjoni, fuq talba tal-Isqof Nikol Cauchi, ingħaqad magħhom Mons. Giovanni B. Gauci, l-Officialis tad-Djoċesi ta' Għawdex (ara *Minuti*, 15.10.1983, n. 13).[4]

Il-Kummissjoni ltaqgħet għall-ewwel darba fid-29 ta' Settembru 1983. Dakinhar, Mons. Depasquale spjega l-għan tal-Kummissjoni u l-membri ħatru lilu bħala Chair (President) tal-Kummissjoni u lil Mons. Said Pullicino bħala Segretarju. Fl-istess laqgħa ġiet diskussa l-promulgazzjoni tal-liġijiet u d-digrieti ġenerali, kemm tal-KEM u kif ukoll taż-żewġ djoċesijiet ta' Malta u Għawdex. Fl-istess laqgħa wkoll, u fil-laqgħa ta' wara, Mons. Depasquale qassam lill-membri żewġ listi: waħda bil-kanoni mill-Kodiċi l-ġdid li jitkellmu dwar liġijiet partikolari li huma responsabbiltà tal-konferenza episkopali, u oħra bil-kanoni dwar liġijiet partikolari li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-isqof djoċesan. Fil-preżentazzjoni tiegħu, Mons. Depasquale għamel distinzjoni oħra importanti: bejn meta l-isqfijiet 'għandhom' (*debent*) jagħtu normi partikolari u meta 'jistgħu' (*possunt*) jagħmlu dan (ara *Minuti*, 29.09.1983; 06.10.1983).

## Ħidma mifruxa fuq ħames snin

Sa mill-ewwel passi tal-Kummissjoni deher biċ-ċar li dan il-proġett kien se jitlob ħafna xogħol. Għalhekk, fl-4 ta' Novembru 1983, l-Arċisqof Ġużeppi Mercieca, fil-kwalità tiegħu ta' President tal-KEM, kiteb lill-Kardinal Sebastiano Baggio, Prefett tal-Kongregazzjoni għall-Isqfijiet u talbu proroga biex il-perijodu ta' ħidma fuq il-preparazzjoni tal-Liġi Partikolari jiġi estiż (ara *Minuti* 03.11.1983, n. 39; 10.11.1983, n. 45).

Jidher li l-KEM ma kinitx waħedha f'din it-talba. Erbat ijiem wara, il-Kardinal Agostino Casaroli, Segretarju tal-Istat tal-Vatikan, kiteb lill-konferenzi episkopali tad-dinja kollha u għarrafhom li l-Papa kien fehem id-diffikultà prattika tagħhom. Fl-istess ittra, il-Kardinal Casaroli ħeġġeġ lill-konferenzi episkopali biex joħorġu normi temporanji dwar materji ta' natura importanti sabiex ma jagħtux lok

għal żmien ta' *vacatio legis*. F'Diċembru 1984, l-Isqfijiet ta' Malta u Għawdex reġgħu talbu estensjoni oħra (ara *Minuti* 06.12.1984, n. 172).[5]

Il-ħidma tal-Kummissjoni kienet vasta tant li l-membri ltaqgħu b'kollox 141 darba fuq medda ta' ħames snin, bl-aħħar laqgħa ssir fit-8 ta' Ottubru 1988. Fl-aħħar tliet xhur tal-1983, il-membri ltaqgħu 11-il darba. Fis-snin 1984, 1985, 1986 u 1987 saru 33, 36, 32 u 21 laqgħa rispettivament. Matul l-1988, il-Kummissjoni ltaqgħet 8 darbiet. Il-membri kienu jiltaqgħu fil-Kunvent tal-Agostinjani, il-Belt Valletta, u kull laqgħa kienet iddum bejn tlieta u erba' sigħat, ġeneralment mid-9:00am sas-12:45pm jew mill-4:30pm sat-8:00pm. Mons. Depasquale kien preżenti għal-laqgħat kollha.

Il-minuti tal-laqgħat, miktuba bil-Malti, jestendu għal 461 paġna u huma mqassma fi tliet volumi. Illum jinsabu fl-Arkivju tal-KEM fil-Kurja tal-Arċisqof, il-Furjana. Wara kull laqgħa, kopja tal-Minuti kienet tintbagħat lill-Isqfijiet biex ikunu jistgħu jsegwu x-xogħol tal-Kummissjoni (ara *Minuti* 06.10.1983, n. 7).

## Tħejjija ta' diversi abbozzi

Matul il-ħames snin ta' ħidma, il-Kummissjoni ħejjiet diversi abbozzi ta' normi. Mill-minuti jidher ċar li ħafna drabi Mons. Depasquale kien ifassal u jqassam l-ewwel abbozz lill-membri l-oħra biex imbagħad jiddiskutuh u jemendawh flimkien. Spiss kien iqassam ukoll dokumenti b'materjal aktar wiesa' biex idawwal id-diskussjoni, jew xi lista ta' affarijiet pendenti li l-Kummissjoni kien għad baqgħalha tittratta. Ġieli kien jiġbed l-attenzjoni dwar diffikultajiet prattiċi li setgħu jinqalgħu minħabba l-leġiżlazzjoni ċivili ta' dak iż-żmien bħal ngħidu aħna meta l-Kummissjoni ddiskutiet ir-reġistrazzjoni tat-tfal adottivi (ara *Minuti*, 26.06.1984, n. 123).

Drabi oħra, il-Kummissjoni talbet lil ċerti korpi kostitwiti biex ikunu huma li jiddraftjaw abbozz ta' normi dwar suġġett li jikkonċernahom u wara jgħadduh lill-Kummissjoni biex teżaminah (ara *Minuti*, 01.12.1983, n. 54). Biex nagħtu xi eżempji, fi Frar 1984, il-President tal-Kummissjoni Liturġika Nazzjonali, Mons. Ġużeppi Lupi, intalab jipprepara normi dwar dawn il-materji: il-kwalitajiet tal-aspiranti għall-ministeri tal-Lettorat u l-Akkolitat; il-formazzjoni

għad-Djakonat Permanenti; l-adattament tal-Ordo tal-Inizjazzjoni tal-Adulti; il-post ta' fejn jista' jsir il-Qrar; il-mod tal-amministrazzjoni tal-Magħmudija; il-materjal tal-*altare fixum* u l-*altare mobile*; il-predikazzjoni tal-lajċi fil-Quddiesa; id-direttorju liturġiku; il-proċessjonijiet; u ċ-ċelebrazzjonijiet komuni tas-Sagrament tal-Morda. Fl-istess żmien, il-Kummissjoni talbet lir-Rettur tas-Seminarju ta' Malta, Mons. Lawrenz Gatt, biex, bl-għajnuna ta' sottokummissjoni li kellha tinkludi lir-Rettur tas-Seminarju ta' Għawdex, Patri Arthur Vella, SJ, iħejji abbozz tar-*Ratio* tal-Formazzjoni tas-Saċerdozju. Mons. Gatt intalab iħejji wkoll abbozz tar-Regolamenti l-ġodda tas-Seminarju (ara *Minuti*, 11.02.1984, n. 74).

F'Ġunju 1984, Dun Joe Borg, dak iż-żmien Chair tal-Kummissjoni tal-Mezzi ta' Komunikazzjoni Soċjali, intalab iħejji abbozz ta' normi dwar il-preżenza tal-Knisja fuq dawn il-mezzi (ara *Minuti*, 26.06.1984, n. 121), waqt li matul April u Mejju 1987, il-Kummissjoni kkomunikat maċ-Chair tal-Kummissjoni Ekumenika, Patri Ugo Cremona, OP, dwar normi relatati ma' laqgħat ta' talb u studju bejn persuni Kattoliċi u Nsara minn knejjes oħra. Fl-istess żmien, Patri Charles Caruana, SJ, Delegat tas-Segretarjat Edukazzjoni Nisranija, flimkien ma' Dun George Deguara u Dun Ġwann Attard, delegati rispettivi tal-Isqfijiet ta' Malta u Għawdex għall-Katekeżi, intalbu jibdew jippreparaw sett ta' normi dwar l-edukazzjoni Nisranija fl-iskejjel (ara *Minuti*, 11.04.1987, n. 429; 16.05.1987, n. 432; u 23.05.1987, n. 434).

## Konsultazzjoni wiesgħa

Il-korpi li semmejna reġgħu ġew ikkonsultati wara li l-Kummissjoni studjat u emendat l-abbozzi li kienet irċeviet mingħandhom. Matul dan il-proċess il-Kummissjoni talbet ukoll il-parir u l-għajnuna ta' individwi u korpi oħra.

Pereżempju, fi Frar 1984, Mons. Depasquale għarraf lill-Kummissjoni li l-abbozz ta' normi dwar iż-Żwieġ kien intbagħat lill-President tal-Kunsill tal-Kulleġġ tal-Kappillani biex jiġi diskuss fil-Kunsill, lill-Kappillani kollha individwalment, u lill-Aġent Direttur tal-Moviment ta' Kana (ara *Minuti*, 11.02.1984, n. 74). Hawnhekk ta' min isemmi li sentejn u nofs wara nqalgħet kontroversja fil-gazzetti lokali

dwar ir-rwol tal-Moviment ta' Kana fit-tfassil tal-Liġi Partikolari dwar iż-Żwieġ, imma l-kwistjoni ġiet iċċarata fi żmien qasir kif juru l-minuti tal-laqgħat tal-Kummissjoni tat-13, tal-20 u tas-27 ta' Settembru 1986.

Wara li l-Kummissjoni studjat u emendat in-normi dwar il-formazzjoni akkademika tas-seminaristi, reġgħet għaddiet l-abbozz lir-retturi taż-żewġ seminarji u lid-Dekan tal-Fakultà tat-Teoloġija, Mons. Vinċenz Borg (ara *Minuti*, 11.10.1986, n. 378). L-abbozz ta' normi dwar il-predikaturi lajċi kien ukoll iċċirkolat mill-ġdid lil Dun George Deguara u Dun Ġwann Attard, Delegati rispettivi tal-Isqfijiet ta' Malta u Għawdex għall-Katekeżi, lill-Mons. Alwiġ Deguara u Dun Tarċis Camilleri, delegati rispettivi għal-lajċi, u lil Dun Valentin Borg u Dun Frankie Sultana, Delegati rispettivi għal-Liturġija (ara *Minuti*, 21.03.1987, n. 422). F'Jannar 1988, Mons. Depasquale informa lill-Kummissjoni li kien għadda l-abbozz ta' prinċipji u linji gwida dwar l-edukazzjoni Nisranija fl-iskejjel lil Brother Emmanuel Sciberras, FSC, Delegat għas-Segretarjat tal-Edukazzjoni u l-Kultura. Qal ukoll li l-abbozz ta' normi dwar il-ministri straordinarji tat-tqarbin kien ġie studjat fil-laqgħa tal-Konsulturi u ssemma' fil-laqgħa tad-Delegati tas-Segretarjati u l-Uffiċjali tal-Kurja ta' Malta (ara *Minuti*, 23.01.1988, n. 467). F'Settembru tal-istess sena, Mons. Depasquale reġa' rrapporta li n-normi dwar il-ministri straordinarji tat-tqarbin kienu ġew diskussi wkoll fil-Kunsill Presbiterali u l-Kunsill Pastorali tal-Arċidjoċesi (ara *Minuti*, 12.09.1988, n. 480).

Il-membri tal-Kummissjoni kienu wkoll jiltaqgħu ma' individwi differenti biex jiddiskutu direttament magħhom. Pereżempju, f'Jannar 1984, il-Kap tal-Uffiċċju taż-Żwiġijiet fil-Kurja ta' Malta, Mons. Innoċenz Borg, kien mistieden għal laqgħa li fiha l-Kummissjoni kompliet tanalizza l-formularju tal-istħarriġ ta' qabel iż-żwieġ (ara *Minuti*, 14.01.1984, n. 64). Dun Joe Borg ukoll daħal għal laqgħa fi Frar 1986, meta kienu qed jiġu eżaminati l-linji gwida dwar ix-xandir tal-Quddiesa bit-TV (ara *Minuti*, 06.02.1986, n. 310). F'Marzu 1984, is-Segretarju tal-Kummissjoni attenda laqgħa tal-Kulleġġ tal-Kappillani proprju biex jiddiskuti magħhom l-abbozz ta' normi dwar iż-żwieġ (ara *Minuti*, 10.03.1984, n. 81). Fi Frar tas-sena ta' wara, Mons. Said Pullicino ltaqa' mas-Segretarju Amministrattiv, Mons. Philip Calleja, biex jiddiskutu r-rwol tal-kappillani fl-amministrazzjoni tal-ġid materjali, speċjalment fid-dawl tad-Documento di Base u tal-kolleġġjati li għandhom il-Bolla Pontifiċja (ara *Minuti*, 02.03.1985, n. 201).

Mill-minuti tal-Kummissjoni jidher li Mons. Depasquale kellu diversi telefonati jew laqgħat personali dwar it-tfassil tal-Liġi Partikolari. Xi eżempji huma l-komunikazzjoni tiegħu mal-Arċisqof Mercieca u ma' Mons. Calleja dwar ir-riforma tas-sistema benefiċjali (ara *Minuti*, 27.06.1985, n. 245); ma' Patri Albert Micallef, O.F.M., u ma' Mons. Lupi dwar il-ġbir għall-Art Imqaddsa (ara *Minuti*, 07.12.1985, n. 284; 13.12.1985, n. 288); mar-Rettur tas-Seminarju ta' Malta dwar ir-rwol tal-Pastoral Director (ara *Minuti*, 15.11.1986, n. 391); ma' Patri Ugo Cremona, O.P. dwar materji ekumeniċi (ara *Minuti*, 13.06.1987, n. 440); u ma' Brother Dominic Rosso, FSC dwar id-diretturi spiritwali u l-edukazzjoni Nisranija fl-iskejjel (ara *Minuti*, 28.11.1987, n. 455). B'mod regolari, Mons. Depasquale kien ukoll jinforma lill-membri tal-Kummissjoni dwar reazzjonijiet tal-Kunsill Rappreżentattiv Djoċesan (KRD) u tal-Kunsill Finanzjarju Djoċesan (KFD) vis-à-vis il-ħidma tagħhom (ara *Minuti*, 13.12.1985, n. 291).

F'xi okkażjonijiet, il-Kummissjoni talbet lil individwi jew korpi oħra biex f'isimha jitolbu ċerti pariri jew materjal importanti. Pereżempju, f'Novembru 1984, Mons. Lupi, fuq talba tal-Kummissjoni u fil-kwalità tiegħu ta' Segretarju tal-KEM, kiteb lill-kapitli kollha ta' Malta u Għawdex biex jibagħtulu kopja tal-istatut tagħhom u, jekk kien hemm, tal-abbozz tal-istatut il-ġdid kif mitlub mill-Kodiċi, kif ukoll tagħrif dwar ir-relazzjonijiet fil-prattika bejn il-kapitlu u l-kappillan. Aktar 'il quddiem, Mons. Lupi bagħat ukoll ittri lill-KRD, lill-provinċjali u lill-kappillani ta' Malta għal pariri dwar l-abbozz ta' normi dwar il-kontribuzzjonijiet tal-Insara għall-bżonnijiet tal-Knisja (ara *Minuti*, 21.12.1985, n. 293; 15.03.1986, n. 326). Min-naħa tiegħu, l-Isqof ta' Għawdex iddiskuta dawn l-istess normi mal-kappillani tad-djoċesi tiegħu (ara *Minuti*, 12.12.1987, n. 458). Hekk ukoll, il-KRD bagħat l-abbozz ta' normi dwar il-Kunsill Ekonomiku Parrokkjali lill-Kulleġġ tal-Kappillani għall-kummenti tagħhom (ara *Minuti*, 23.02.1985, n. 198).

Matul il-ħidma tagħhom, il-membri tal-Kummissjoni stħarrġu wkoll kif isqfijiet barranin kienu qed jilleġiżlaw għat-territorju tagħhom. Spiss iddiskutew punti relevanti mil-liġijiet partikolari li l-Konferenza Episkopali Taljana kienet tippreżenta lis-Santa Sede (ara *Minuti*, 05.05.1984, n. 106; 10.11.1984, n. 161; 20.12.1984, n. 176; 11.05.1985, n. 226; 17.05.1986, n. 346; 13.09.1986, n. 367; u 30.01.1988, n. 470). F'Diċembru 1983, fuq inizjattiva ta' Patri Ġużepp Borg, il-Kummissjoni

rat in-normi tal-Isqfijiet Irlandiżi rigward l-obbligu tal-penitenza nhar ta' Ġimgħa (ara *Minuti*, 10.12.1983, n. 58), u f'Novembru 1984 rat id-deċiżjonijiet tal-Konferenzi Episkopali tal-Brażil u tal-Bolivja dwar il-parteċipazzjoni tal-kleru fuq il-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali (ara *Minuti*, 24.11.1984, n. 169). Darba oħra, il-Kummissjoni talbet lil Mons. Lupi biex jikteb lill-Konferenza Episkopali Ġermaniża u jitlobha kopja tal-leġiżlazzjoni partikolari li kienet ħejjiet. Fl-istess laqgħa, il-membri ħadu nota wkoll tar-risposti li l-Kummissjoni Pontifiċja għall-Interpretazzjoni Awtentika tal-Kodiċi kienet tat dwar tliet punti importanti (ara *Minuti*, 13.10.1984, n. 153-155).

Ġieli l-membri fittxew ukoll pariri b'mod informali, kif għamlu Patri Dijonisju Attard u Patri Ġużepp Borg meta staqsew lill-patrijiet fil-komunitajiet rispettivi tagħhom rigward l-obbligu tal-Quddies fil-festi kkmandati (ara *Minuti*, 03.11.1983, n. 38).

## Approvazzjoni mill-KEM u mis-Santa Sede

Immorru lura għall-ħidma tal-Kummissjoni. Meta l-membri kienu jqisu li xi abbozz ta' normi kien ikun lest min-naħa tagħhom, kienu jippreżentawh lill-KEM. Wara dan il-pass, dawk li kienu jressqu kummenti jew suġġerimenti ġodda kienu jkunu mħeġġa jgħaddu l-proposti tagħhom direttament lill-Isqfijiet (ara *Minuti*, 23.05.1987, n. 434).

Il-KEM studjat l-abbozzi kollha mħejjija mill-Kummissjoni f'diversi laqgħat li saru bejn Novembru 1984 u Settembru 1988.[6] Kif jidher hawn taħt, il-KEM approvat, xi drabi b'xi emendi żgħar, il-maġġoranza assoluta tan-normi f'erba' gruppi differenti. Xi abbozzi mħejjija mill-Kummissjoni tħallew fil-ġenb biex jintużaw aktar 'il quddiem jew biex tittieħed deċiżjoni dwarhom mill-isqof djoċesan. Għal-laqgħat tal-KEM kienu jkunu preżenti, flimkien mal-Isqfijiet, Mons. Lupi bħala Segretarju tal-KEM, u Mons. Depasquale u Mons. Said Pullicino, bħala Chair u Segretarju tal-Kummissjoni. Għal-laqgħa tat-13 ta' Awwissu 1985 attenda wkoll is-Segretarju Amministrattiv, Mons. Philip Calleja, għax il-KEM kienet qed tiddiskuti, fost l-oħrajn, l-abbozzi ta' normi dwar l-atti ta' amministrazzjoni u dwar ir-riforma tas-sistema benefiċjali. Meta kienet tinqala' xi urġenza f'xi laqgħa tal-KEM, u ma kienx ikun hemm ħin biżżejjed biex titlaqqa'

l-Kummissjoni, Mons. Depasquale u Mons. Said Pullicino kienu jieħdu l-libertà li jaġixxu f'isem il-Kummissjoni, u l-membri kienu jiġu infurmati wara (ara *Minuti*, 31.08.1985, n. 248).

Kull sett ta' normi li kien jiġi approvat mill-KEM kien jinqaleb għat-Taljan u jintbagħat lin-Nunzju biex jgħaddih għar-*recognitio* tal-Kongregazzjoni għall-Isqfijiet fil-Vatikan. F'dan il-proċess, il-Kummissjoni kienet tkun involuta wkoll tant li l-membri ġieli ddiskutew jew emendaw il-covering letter li kienet se tintbagħat lill-Kongregazzjoni (ara *Minuti*, 20.12.1984, n. 176).

Wara li l-liġijiet kienu jintbagħtu l-Vatikan, kważi dejjem kien ikun hemm korrispondenza bejn il-Kongregazzjoni għall-Isqfijiet u l-KEM, b'tal-ewwel tipproponi xi emendi jew tgħaddi xi suġġerimenti dwar in-normi mibgħuta, u b'tal-aħħar tagħmel ir-reazzjonijiet tagħha wara li kienet titlob il-parir tal-Kummissjoni. Meta l-liġijiet imbagħad kienu jiġu rikonoxxuti mis-Santa Sede, u l-KEM kienet tiddeċiedi li jiġu ppromulgati, jidher li Mons. Depasquale kien jerġa' jkun dak li jħejji l-abbozz tad-digriet tal-promulgazzjoni.

## L-ewwel sett ta' liġijiet partikolari

L-ewwel sett ta' liġijiet partikolari kien jinkludi 13-il deċiżjoni uffiċjali u 65 norma. Dawn il-liġijiet ġew ippromulgati fl-ewwel volum tal-Atti tal-KEM li nħareġ fl-1 ta' Diċembru 1985 u daħlu fis-seħħ xahar wara, fl-1 ta' Jannar 1986.

Id-deċiżjonijiet uffiċjali kienu dwar il-materji li ġejjin, skont it-termini tal-kanoni mill-Kodiċi l-ġdid kif jidher wara kull punt: id-dmirijiet tal-Kulleġġ tal-Konsulturi (502 §3), ir-reġistri parrokkjali (535 §1), ir-remunerazzjoni tal-kappillani wara li jirtiraw (583 §3), l-età tal-Griżma tal-Isqof (891), l-assoluzzjoni ġenerali (961 §2), l-età għas-Saċerdozju u d-Djakonat Permanenti (1031 §3), il-wegħdiet tal-għerusija (1062 §1), rit partikolari għaż-Żwieġ (1120), il-festi kkmandati (1246), imħallfin lajċi fit-Tribunali Ekkleżjastiċi (1421 §2), proċeduri fl-atti ġuridiċi (1714), rikorsi kontra digrieti amministrattivi (1733 §2), u l-promulgazzjoni tal-Liġijiet Partikolari u d-Digrieti Ġenerali tal-KEM (455 §3).

In-normi kienu dwar suġġetti oħra: tnax dwar il-ministeri tal-Lettorat u l-Akkolitat (230), erbgħa dwar l-ilbies tal-kjeriċi (284),

tmintax bħala Statut għall-Kulleġġ tal-Konsulturi (502), sitta dwar il-Kunsill Presbiterali (496), sbatax dwar ir-reġistrazzjoni tal-Magħmudija ta' persuni adottati (877 §3), tnejn dwar ir-reġistrazzjoni tal-Griżma tal-Isqof ta' persuni adottati (bħala appendiċi), ħamsa dwar il-post fejn jista' jsir il-Qrar (964 §2), u waħda dwar l-astinenza (1251).

Rigward in-norma dwar l-astinenza tajjeb ngħidu li fi Frar 1986 il-Kummissjoni nnotat li xi kappillani xtaqu li din il-liġi partikolari tkun aktar ċara. Għalhekk il-membri ssuġġerew riformulazzjoni tan-norma lill-Isqfijiet li, min-naħa tagħhom, qablu magħha u bagħtuha mill-ġdid lis-Santa Sede biex tissostitwixxi dik li kienet *in vigore* (ara *Minuti*, 22.02.1986, n. 317). Kif jidher hawn taħt, il-liġi l-ġdida dwar l-astinenza ġiet ippromulgata fir-raba' sett.

## It-tieni grupp ta' liġijiet: dwar iż-Żwieġ

It-tieni sett ta' liġijiet partikolari li ġie ppromulgat mill-KEM kien jirrigwarda ż-Żwieġ. Dawn il-liġijiet kellhom żewġ għanijiet: li jirregolaw it-tħejjija u ċ-ċelebrazzjoni taż-Żwieġ f'Malta u Għawdex, u li jistabbilixxu regoli speċjali għall-każijiet ta' żwiġijiet imħallta, jiġifieri żwiġijiet bejn parti Kattolika u parti mhix Kattolika.

Dawn il-liġijiet ġew ippromulgati fit-tieni volum tal-Atti tal-KEM li nħareġ fl-1 ta' Lulju 1986 u daħlu fis-seħħ xahrejn wara, fl-1 ta' Settembru 1986. Kienu jikkonsistu f'ħamsa u sittin norma u seba' formoli dwar il-wegħda tal-għerusija (1062 §1), il-laqgħa preliminari tal-għarajjes mal-kappillan rispettiv (1067), it-tnidijiet taż-żwieġ (1067), l-età minima għaż-żwieġ (1083 §2), u ż-żwiġijiet imħallta (1126 u 1127 §2).

## It-tielet grupp ta' liġijiet

It-tielet sett ta' leġiżlazzjoni partikolari, bħall-ewwel wieħed, kien jirrigwarda materji differenti. Dawn il-liġijiet ġew ippromulgati fit-tielet volum tal-Atti tal-KEM li nħareġ fl-1 ta' Jannar 1988 u daħlu fis-seħħ xahar wara, fl-1 ta' Frar 1988.

Uħud min-normi f'dan il-grupp kienu ta' natura pastorali, oħrajn ta' xejra aktar amministrattiva: waħda dwar in-nomina tal-kappillani

(522), tmienja dwar l-użu tal-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali (772 §2 u 831 §2), sitta dwar il-Katekumenat u l-Magħmudija tal-adulti (788 §3 u 851, 1), erbgħa dwar l-amministrazzjoni tal-Magħmudija (854), disgħa dwar it-tħejjija ta' persuni mgħammdin biex jidħlu f'għaqda sħiħa mal-Knisja Kattolika (bħala appendiċi), sebgħa dwar id-differiment tal-Magħmudija tat-trabi (868 §1, 2), sebgħa dwar ir-riforma tas-sistema benefiċjali (1272), u ħamsa dwar l-atti ta' amministrazzjoni (1277, 1292 §1 u 1297).

## Ir-raba' u l-aħħar grupp

Ir-raba' u l-aħħar sett ta' liġijiet partikolari ġie ppromulgat fir-raba' volum tal-Atti tal-KEM li nħareġ f'Diċembru 1988. Kien jinkludi: tmintax-il norma dwar id-Djakonat Permanenti (236), erbgħa dwar il-predikazzjoni mil-lajċi (766), waħda dwar l-interstizji bejn l-istituzzjoni tal-Lettorat u tal-Akkolitat (1035 §1), tnejn dwar l-astinenza, li ħadu post in-norma li kienet ġiet ippromulgata mal-ewwel grupp (1251 u 1253), u disgħa dwar il-kontribuzzjoni tal-Insara għall-bżonnijiet tal-Knisja, imqassmin taħt dawn it-titli: ġbir fil-Quddies tal-Ħdud u l-Festi Kmandati, ġbir ieħor, u rendikont (1262 u 1265 §2).

## Abbozzi li ntużaw aktar 'il quddiem

Kif għedna aktar qabel, xi abbozzi mħejjija mill-Kummissjoni ma ġewx approvati ma' dawn l-erba' gruppi ta' Liġi Partikolari. Pereżempju, in-normi taċ-*Charter of Priestly Formation*, li l-Kummissjoni ħadmet fuqhom fuq medda ta' madwar erbgħin laqgħa bejn Diċembru 1985 u Mejju 1987, intużaw aktar 'il quddiem fit-tfassil tal-*Major Seminary Guidelines and Regulations* tas-Seminarju tal-Arċisqof li nħarġu f'Awwissu 1990.

L-istess ġara bl-abbozzi dwar il-ministri straordinarji tat-tqarbin u dwar l-edukazzjoni Nisranija fl-iskejjel primarji u sekondarji. In-normi dwar il-ministri straordinarji tat-tqarbin ma ġewx ippromulgati mill-KEM imma tħallew għad-deċiżjoni tal-Isqof Djoċesan. Fil-fatt, fis-26 ta' Ottubri 1988, l-Arċisqof Ġużeppi Mercieca ppromulga normi dwar din il-materja għall-Arċidjoċesi ta' Malta wara li sema' l-parir

tal-Kunsill Presbiterali u tal-Kunsill Pastorali, u wara li ġew konsultati l-Kappillani bil-Presbiterji u l-Kunsilli Parrokkjali.[7] Min-naħa l-oħra, f'Ottubru 1987, il-membri tal-Kummissjoni nnotaw li kienu bdew diskussjonijiet bejn il-Gvern u l-Knisja f'Malta dwar l-edukazzjoni Nisranija fl-iskejjel primarji u sekondarji. Għalhekk iddeċidew li jwaqqfu l-ħidma li kienu qed jagħmlu biex iħejju abbozz ta' normi u minflok jippreżentaw lill-KEM numru ta' prinċipji ġenerali u linji gwida biex minnhom l-Isqfijiet ifasslu normi skont iċ-ċirkostanzi (ara *Minuti*, 17.10.1987, n. 448).

## Il-lajċi fil-ħidma tal-Kummissjoni

Quddiem dawn id-dettalji jispikka l-fatt li l-lajċi ftit li xejn kienu involuti fil-ħidma tal-Kummissjoni. Apparti l-fatt li fil-Kummissjoni ma kienx hemm membri lajċi, jidher li l-unika darba li l-lajċi ħadu sehem b'mod attiv fil-konsultazzjoni kien meta xi normi, bħal dawk dwar il-ministri straordinarji tat-tqarbin, ġew diskussi fil-Kunsill Pastorali Djoċesan.

Fuq naħa waħda, dan in-nuqqas ta' involviment tal-lajċi ma jissorprendiniex wisq. L-ewwel nett, il-Knisja f'Malta ma kinitx ilha ħafna li bdiet tħaddem riforma fit-tmexxija tagħha. Numru ta' segretarjati djoċesani ġodda twaqqfu fl-1977, meta Mons. Ġużeppi Mercieca ħa t-tmun tal-Arċidjoċesi wara l-episkopat twil ta' Mons. Mikiel Gonzi. Terġa' u tgħid, is-segretarjati ġodda kollha, inkluż dak għall-Appostolat tal-Lajċi, kienu mmexxija minn membri tal-kleru jew tal-ħajja reliġjuża.[8] Barra minn hekk, ħafna min-normi li ġew imfassla u diskussi fil-Kummissjoni kienu jikkonċernaw materji "kanoniċi" jew suġġetti li dak iż-żmien kienu għadhom jiġu kkunsidrati "tal-kleru", bħal ngħidu aħna t-tmexxija tal-Knisja u l-amministrazzjoni tas-sagramenti. Fil-fatt, fl-ewwel sett ta' liġijiet partikolari li ġew ippromulgati mill-KEM insibu deċiżjoni interessanti dwar kanoni 1421 §2 li tikkonċerna n-nomina ta' mħallfin lajċi fit-tribunali ekkleżjastiċi. Deċiżjoni 10 kienet tgħid li l-KEM "ma taċċettax għalissa li lajċi jiġu nnominati bħala Mħallfin fit-Tribunali Ekkleżjastiċi għaliex ma hemmx fil-preżent lajċi li għandhom il-kwalifiki meħtieġa."[9] Din il-policy inbidlet fl-2005 meta l-Arċisqof ta' Malta ħatar żewġ nisa bħala l-ewwel imħallfin lajċi fl-Ewwel Istanza tat-Tribunal Metropolitan.[10]

Min-naħa l-oħra, in-nuqqas ta' konsultazzjoni mill-Kummissjoni fost il-lajċi jissorprendina xorta waħda għal diversi raġunijiet. L-ewwel nett, il-Kummissjoni bdiet taħdem meta kienu diġà għaddew kważi għoxrin sena mill-għeluq tal-Konċilju Vatikan II (1962–1965) u l-Konċilju kien tefa' dawl ġdid fuq id-dinjità u l-missjoni tal-lajċi fil-Knisja.[11] Barra minn hekk, anke jekk it-tmexxija tal-Knisja kienet iddur mal-membri tal-kleru u xi membri tal-ħajja reliġjuża, matul is-seklu l-ieħor il-lajċi u l-għaqdiet tagħhom kienu protagonisti fil-Knisja f'Malta u f'Għawdex. Fil-fatt, numru ta' lajċi kienu ilhom involuti f'kunsilli jew kumitati djoċesani, bħal ngħidu aħna l-Kunsill Pastorali Djoċesan li kien twaqqaf fl-1966 u l-Kunsill Djoċesan għall-Appostolat tal-Lajċi li kien twaqqaf fl-1968. Tajjeb niftakru wkoll li fl-istess żmien li l-Kummissjoni kienet għaddejja bil-ħidma tagħha, kien qiegħed jitfassal Pjan Pastorali ġdid għall-Arċidjoċesi. Fost il-membri tal-Working Committee u tal-Bord ta' Riċerka tal-Pjan kien hemm is-Sur Henry Frendo, Dr Edward Zammit u s-Sur Anthony Busuttil. Dan biex ma nsemmux ukoll il-konsultazzjoni li saret rigward il-Pjan ma' firxa wiesgħa tal-opinjoni pubblika u permezz tal-gazzetti.[12]

Forsi l-aktar raġuni li tissorprendina dwar in-nuqqas ta' konsultazzjoni mill-Kummissjoni fost il-lajċi hi li l-lajċi kienu ferm għal qalb Mons. Depasquale, iċ-Chair tal-Kummissjoni. Meta fl-1967 lesta l-istudji tiegħu u rritorna Malta, Dun Annett kien wieħed mill-promoturi fid-djoċesi tad-dinjità u tal-missjoni tal-lajċi, speċjalment fil-ħidma tiegħu spalla ma' spalla ma' Dun Benny Tonna fil-Pastoral Research Services. Fil-fatt, malli beda l-ħidma tiegħu f'Malta, inħatar, fost l-oħrajn, Segretarju tal-Kunsill Pastorali u Rappreżentant tal-Arċisqof fil-Kunsill Djoċesan għall-Appostolat tal-Lajċi.

Ix-xewqa ta' Dun Annett li l-Knisja tagħti aktar valur lid-dinjità u l-missjoni tal-lajċi nsibuha wkoll espressa f'diversi kitbiet tiegħu. F'artiklu studjat li kiteb fl-1973, ilmenta li l-Kodiċi tad-Dritt Kanoniku ta' dak iż-żmien (jiġifieri l-Kodiċi tal-1917) ma kienx jikkunsidra biżżejjed din ir-realtà.[13] Meta mbagħad, nhar is-17 ta' Diċembru 1983, introduċa l-Kodiċi l-ġdid f'diskors li għamel f'Jum il-Gradwazzjoni tal-Fakultà tat-Teoloġija (li dak iż-żmien kienet allokata f'Tal-Virtù, ir-Rabat), elenka l-enfasi tal-leġiżlazzjoni l-ġdida fuq il-lajċi.[14] L-istess linja ta' ħsieb insibuha f'artiklu ieħor li kiteb fl-1989 dwar "il-Knisja li titgħallem"[15] u f'diversi intervisti, fosthom dik li kellu ma' *Il-lajċillum* fl-1999, ftit xhur wara li sar isqof awżiljarju.[16]

## Konklużjoni

Minkejja din il-limitazzjoni, meta nqisu l-istampa kollha, ma nistgħux ma napprezzawx kemm kienet kbira u wiesgħa l-ħidma li l-Kummissjoni Leġiżlazzjoni Partikolari wettqet fis-skiet bejn l-1983 u l-1988 u kemm il-membri tagħha, taħt it-tmexxija ta' Mons. Annetto Depasquale, urew impenn, dedikazzjoni u professjonalità fis-servizz tagħhom lejn il-Knisja f'Malta u Għawdex.

## Noti

1 Il-ħames ftehim jikkonċernaw l-inkorporazzjoni mill-ġdid tal-Fakultà tat-Teoloġija fl-Università ta' Malta (1988), l-edukazzjoni Kattolika fl-iskejjel pubbliċi (1989), l-effetti ċivili taż-żwiġijiet kanoniċi u tad-deċiżjonijiet tat-tribunali ekkleżjastiċi (1993), l-iskejjel tal-Knisja (1993) u l-beni materjali tal-Knisja (1993). Ara J. T. Martin de Agar, *Raccolta di Concordati 1950-1999*, Città del Vaticano 2000.

2 Ara Times of Malta, *A humble, balanced and wise pastor* (30.11.2011) p. 9. L-għada tal-mewt ta' Mons. Depasquale, l-editorjal ta' dan il-ġurnal osserva: "... in spite of all the difficulties and suffering he had to continue facing in his life, Mgr Depasquale continued to attend regularly to his Curia duties, to offer with a smile his always meticulous work, studied reflections and generous help not only to Archbishop Mercieca and, later, to Archbishop Paul Cremona but to whoever used to knock on his door to seek his advice or assistance.... The Church, the faithful and these islands owe Mgr Depasquale a lot."

3 Ara *Kodiċi tad-Dritt Kanoniku*, kanoni 7–20, 135.

4 Ara l-minuti tal-laqgħat tal-Kummissjoni – f'dan l-artiklu msejħin *Minuti* – miġbura fl-*Atti tal-Kummissjoni Leġiżlazzjoni Partikolari* li jinsabu fl-Arkivju tal-Konferenza Episkopali Maltija fil-Kurja tal-Arċisqof, il-Furjana.

5 Ara wkoll l-ittri tal-Arċisqof Mercieca u tal-Kardinal Casaroli fit-taqsima *Konferenza Episkopali – Kongregazzjonijiet: 1977-1984* fl-Arkivju tal-Konferenza Episkopali Maltija fil-Kurja tal-Arċisqof, il-Furjana.

6 Il-KEM iddiskutiet l-abbozzi differenti f'laqgħat li saru fit-12, fis-27 u fit-28 ta' Novembru 1984, fis-17 ta' Diċembru 1984, fit-28 ta' Ġunju 1985, fit-13 ta' Awwissu 1985, fid-29 u fit-30 ta' Settembru 1985, fil-11 ta' Novembru 1985, fis-27 u fit-28 ta' Mejju 1986, fis-17 u fil-25 ta' Novembru 1987 u f'Settembru 1988. Il-laqgħat tal-KEM saru fir-residenza tal-Arċisqof, l-Imdina, f'Dar Santa Marija, il-Mellieħa, u fil-Konservatorju tal-Isqof, ir-Rabat, Għawdex.

7 Ara Kulleġġ tal-Kappillani, *Parish Handbook*, Malta 2005, Appendiċi 5, p. 70.

8 Ara C. Buttigieg, *Ilkoll Aħwa fi Kristu. Ġużeppi Mercieca. Memorji*, Malta 2014, pp. 197–201.

9 Ara Konferenza Episkopali Maltija, *Atti tal-Konferenza Episkopali Maltija*, vol. I, Malta 1985, p. 5.

10 Ara C. Buttigieg, *Ilkoll Aħwa fi Kristu. Ġużeppi Mercieca. Memorji*, Malta 2014, p. 231.

11 Ara b'mod partikolari l-kostituzzjoni dommatika *Lumen Gentium* u d-digriet *Apostolicam Actuositatem*.

12 Ara Arċidjoċesi ta' Malta, *Pjan Pastorali 1986-1991*, Furjana 1985, pp. 9–11.

13 Ara A. Depasquale, "Towards a 'New Deal' for the Laity in the Church's Legislation" f'*Melita Theologica* 25/1–2 (1973), pp. 1–12. Dan l-artiklu qed jerġa' jidher f'din il-pubblikazzjoni.

14 Ara A. Depasquale, "What's New in the New Code of Canon law ?" f'*Bulettin tal-Arċidjoċesi u Liturġija tal-Kelma* 40 (1984), pp. 238–244. Dan l-artiklu qed jerġa' jidher f'din il-pubblikazzjoni.

15 Ara A. Depasquale, "The Learning Church", f'Theology Students' Association, *The Dove Homing in the Owl's Nest*, Malta 1989, pp. 139–145. Dan l-artiklu qed jerġa' jidher f'din il-pubblikazzjoni.

16 Ara "Tkellimna ma' Mons. Isqof Annetto Depasquale" f'*Il-lajċillum* 15/April-Ġunju (1999), p. 3.